# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 6 ta' Frar, 2020**

**Numru 1**

**Rikors Numru 774/19TA**

**Fl-atti taċ-ċedola 1172/19**

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**John Brian Engerer et**

**u**

**Carmelo Ebejer et**

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-rikors tal-konjuġi Engerer tal-15 ta' Lulju, 2019;

Rat l-opposizzjoni tal-konjugi Ebejer għat-talba ta' żbank fl-udjenza tat-28 ta' Jannar, 2020;

Semgħet lill-abbli avukati tal-partijiet jittrattaw l-opposizzjoni fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2020;

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għad-digriet.

**Ikkunsidrat**

Jibda biex jingħad li l-intimati diġa' inatvolaw rikors biex jattakkaw il-validita' tal-mandat ta' sekwestru esekuttiv numru 700/19 fl-ismijiet premessi abbażi ta' dak li jipprovdi l-artiklu 281 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Dak ir-rikors ġie deċiż permezz ta' digriet fl-ismijiet premessi tat-22 ta' Novembru, 2019. L-eżitu kien wieħed sfavorevoli għall-konjugi Ebejer għar-raġunijiet imsemmija fl-imsemmi digriet.

Kif jirrisulta mill-verbal tas-seduta tat-28 ta' Jannar, 2020 il-konjugi Ebejer xorta qegħdin jopponu għall-izbank tal-ammont depositat in kwantu l-ammont totali kif mitlub fil-mandat ta' sekwestru mhuwiex regolari, fis-sens illi saru xogħlijiet li huma oltre dak li l-attur kellu dritt li jwettaq skont is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-istess ismijiet deċiza fil-15 ta' Jannar 2014, cit nru 781/11. Huma jinsistu li dan kollu jirriżulta anke prima facie mill-ispjegazzjoni tax-xogħlijiet li ppreżenta r-rikorrent stess u mir-rapport tal-Perit Godwin Abela li sar wara li twettqu dawn ix-xogħlijiet. Il-konjugi Ebejer iddikjaraw ukoll, illi ser ikunu qegħdin jippresentaw l-opportuni proċeduri biex il-mandat inkwistjoni jiġi revokat.

Il-Qorti tosserva li kieku din il-Qorti kellha taqbel ma' dak li qiegħed ikun sottomess mill-intimati, tkun qed tidħol fil-mertu ta' kawża diġa' deċiża u li marret in ġudikat, anke jekk si tratta ta' interpretezzjoni ta' kif għandha tkun eżegwita din is-sentenza. La darba intlaqa' l-mandat esekuttiv dan għandu jkun eżegwit sal-aħħar u l-iżbank ta' flejjes depositati fl-atti ta' dak

il-mandat ma huwa xejn ħlief parti mill-perkors tal-eżekuzzjoni tiegħu. L-uniku mod kif l-intimati jistgħu jilħqu l-għan tagħhom huwa billi jsegwu l-proċedura opportuna. Dan ifisser li min irid jimpunja l-esekuzzjoni ta' Mandat irid jipproċedi skont l-Artikolu 156 tal-Kapitolu 12. Fis-sentenza **Baystreet Holdings Limited (C-120858) vs Walter Zammit Cachia et** deċiza fis-7 t'April 2009 mill-Onor. Imħallef Joseph R. Micallef intqal hekk:

*"Illi l-prattika stabbilita, mbagħad, hi li min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' Mandat, irid jagħmel dan billi jmexxi bil-proċedura normali maħsuba fil-liġi. Illum, il-ġurnata din il-proċedura hija azzjoni li tinbeda b'Rikors Maħluf. Hawn ukoll, ir-rikors imressaq f'din il-kawża, mhux biss m'huwiex wieħed maħluf, imma jonqos f'partijiet essenzjali tiegħu mill-forma stabbilita fl-artikolu 156 tal-Kodiċi tal-Proċedura."*

**Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija qegħdha tilqa' t-talbiet ta' John Brian Engerer u martu Emily kif mitluba fir-rikors tagħhom tal-15 ta' Lulju 2019 (a' fol 3).**

Spejjeż tal-presenti proċedura a karigu tal-intimati Ebejer.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**